**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 16 ta' Novembru, 2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur John Spiteri)**

**vs**

**omissis**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' omissis u detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 161271M, akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer, u gewwa omissis u/jew f' dawn il-Gzejjer f' xi zminijiet bejn Jannar tas-sena 2009 u Dicembru tas-sena, 2015;

B' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

B’ ghemil zieni, ikkorrompa persuni taht l-eta’ u cioe’ uliedu omissis u omissis; liema delitt sar minn axxendent mid-demm. Art 203 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi ippartecipa f’ attivitajiet sesswali ma’ persuni taht l-eta’ u cioe’ uliedu omissis u omissis; ( Art 204C. (1). Art 204C (2) (b) Art 208AC 1 (d), (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. )

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta tal-vittmi omissis u omissis.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta’ Protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’ kaz ta’ htija ma’ kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna Ordni ta’ Trattament skond Art 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-20 ta' Settembru 2017 (inserita a fol. 157 tal-atti processwali fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 203 (1) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 203 (1), 204C(1), 204C(2)(b), 208AC1(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 412(C), 412 D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 533 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-22 ta' Novembru, 2017 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet Finali maghmula mill-Prosekuzzjoni.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw abbuz sesswali li allegatament sar minn missier (l-imputat odjern) fuq zewg uliedu minuri omissis u omissis, bejn is-sena 2009 u Dicembru 2015 fejn huwa kien igeghlhom jimmasturbawh f'diversi okkazzjonijiet. Fit-2 ta' Awwissu 2016 omissis

akkompanjata minn ommha kienet ghamlet rapport mal-Agenzija Appogg u sussegwentement mal-Pulizija li mill-eta' ta' tnax il-sena kien hem diversi okkazzjonijiet fejn missierha omissis kien igeghlha timmasturbah. Hija spjegat kif l-ewwel darba missierha kien talabha timmasturbah sabiex ihalliha tmur live-in tal-iskola u li sussegwentement dawn l-affarijiet graw f'okkazzjonijiet ohra sakemm kellha sbatax il-sena. Omissis spjegat li hija kienet fethet qalbha ma ohtha l-kbira Omissis fejn din tal-ahhar qaltilha li kienet taf minn x'hiex ghaddejja ghaliex dawn l-affarijiet kienu graw lilha wkoll izda qaltilha sabiex ma tghid lil hadd dwar dak li kien qed jigri. Omissis u ommha kienu originarjament marru ghand l-Agenzija Appogg minhabba problemi familjari izda waqt li kienu hem il-minuri fethet qalbha dwar dak li kien ghamlilha missierha.

Illi meta l-Pulizija tkellmu ma Omissis din ghall-ewwel innegat li qatt gara xi haga u dan anki meta sar konfront ma ohtha izda mbaghad ikkonfermat dak li qalet Omissis u spjegat li bejn l-eta' ta' tlettax u erbatax il-sena missierha kien l-ewwel darba immasturba quddiemha waqt li kienu qeghdin jaraw film fuq is-sodda tal-kamra tal-genituri u wara din l-okkazzjoni kien beda' geghlha timmasturbah. Hija spjegat li dawn l-affarijiet komplew sa ma kellha sbatax il-sena u qalet ukoll li missierha kien qalilha wkoll l dawn l-affarijiet kien qed jaghmilhom ma ohtha Omissis izda kien qed jibza li din tal-ahhar ser tikxfu u kien ghalhekk li qed ikompli jaghmel dawn l-affarijiet maghha wkoll.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija fit-3 ta' Awwissu 2016[i] fejn huwa ammetta li kien iqabbad liz-zewg uliedu minuri jimmasturbawh u li dan gara diversi drabi. Huwa qal li kien jaghmel hekk sabiex jghallimhom l-affarijiet tal-

hajja u sostna li kien jiddispjacih ghal dak li ghamel. Huwa spjega kif ghall-ewwel kien wera lill-uliedu kif kellhom jaghmlu sabiex jimmasturbawh u mbaghad komplew huma.

Ikkunsidrat:

Illi Omissis xehdet bil-procedura tal-video conferencing waqt l-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2016 Hija kkonfermat dak li kienet qalet lill-Pulizija a tempo vergine u spjegat fid-dettall dwar l-ewwel okkazzjoni fejn meta kellha bejn tnax u tlettax il-sena u ommha rrifjutat li thalliha tmur live in tal-iskola u meta marret tistaqsi lil missierha dan qalilha li kien hemm il-htiega li hija taghmel pjacir lilu sabiex ihalliha tmur il-live in. Hija spjegat kif missierha kien l-ewwel uriha kif kellha taghmel billi beda jimmasturba lilu nnifsu u mbaghad poggielha idejha fuq il-parti genitali tieghu u halliha tkompli hi. Omissis spjegat li dawn l-affarijiet graw f'zewg okkazzjonijiet ohra, darba meta kienet qed taghmel l-O Levels u talbet permess lil missierha sabiex tkun tista' tmur il-Youth Centre u darb' ohra meta kellha l-birthday u kienet ghalqet sbatax il-sena u missierha kien talabha timmasturbah wara li rritornat lura minn Paceville meta hija marret tqajmu sabiex jigi jghinha ttella lil ohtha l-kbira li kienet fis-sakra fil-kamra taghha. Hija spjegat li t-tieni darba l-affarijiet graw fil-garaxx u t-tielet darba fil-washroom tal-kcina. Hija qalet ukoll li wara l-ewwel okkazzjoni kienet tkellmet ma ohtha Omissis dwar dak li gara u din qaltilha li missierhom kien jaghmel l-istess affarijiet maghha izda din qaltilha sabiex ma tghid xejn sabiex ma jinqalax inkwiet bejn ommhom u missierhom. Omissis spjegat kif kien hem xi drabi fejn hija rrifjutat li taghmel dawn l-affarijiet lil missierha u huwa kien ghamel in-nervi.

Illi l-minuri spjegat li fil-gurnata li sar ir-rapport hija kienet akkompanjat lill-ommha ghand l-Agenzija Appogg peress li ommha riedet titkellem dwar il-problemi matrimonjali u l-glied li kien qed jinqala bejnha u bejn il-genituri izda meta kienet hemm hija ma felhitx aktar izzomm gewwa fiha u kienet fethet qalbha dwar l-affarijiet li kienu graw ma missierha. Din ix-xhud spjegat li meta missierha sar jaf dwar l-appuntament li kellhom mal-Appogg huwa wissiha sabiex ma tghid xejn dwar dak li kien gara bejniethom. Hija qalet ukoll li ommha saret taf b'dawn l-affarijiet meta sar ir-rapport.

Illi Omissis regghat xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-9 ta' Jannar 2018 fejn qalet li xtaqet tahfer lill-missierha u qalet I ma kelliex aktar interess li jitkomplew dawn il-proceduri. Hija spjegat li kienet qed taghmel hekk sabiex il-familja tibqa' maghquda.

Ikkunsidrat:

Illi Omissis xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-21 ta' Frar 2017 fejn spjegat li meta kellha erbatax il-sena missierha kien immasturba lilu nnifsu quddiemha u qalilha li ried jghallimha dwar dawn l-affarijiet u mbaghad fuq perjodu ta' madwar sentejn jew tlieta, sakemm kellha sbatax il-sena, u f' madwar seba' okkazzjonijiet huwa kien talabha timmasturbah. Hija qalet ukoll li ohtha Omissis kienet fethet qalbha maghha u qaltilha li missierha kien qed jaghmlilha dawn l-affarijiet u hija qaltilha li lilha kien qed jigrilha l-istess. Din ix-xhud qalet ukoll li meta

kellha sbatax il-sena missierha qalilha li kien ser jieqaf jaghmel dawn l-affarijiet ghaliex ma kienux sew. In kontro-ezami hija qalet li xtaqet twaqqaf il-proceduri fil-konfronti ta' missierha ghaliex riedet li jkollha relazzjoni tajba ma missierha.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' korruzzjoni ta' minuri (Artikolu 203(1)(c) tal-Kodici Kriminali) u partecipazzjoni f'attivita' sesswali ma minuri (Artikolu 204C(1) tal-Kodici Kriminali.

Rinunzja da parti tal-vittmi.

Illi kif diga' inghad aktar il-fuq fil-korp ta' din is-sentenza kemm Omissis u sussegwentement anki Omissis iddikjaraw li xtaqu jahfru lil missierhom ghal dak li kien gara.

Illi in kwantu jirrigwarda r-reat ta' partecipazzjoni f'attivita sesswali ma minuri il-proceduri jinbdew u jitmexxew ex ufficio mill-Pulizija Ezekuttiva u m'hijiex mehtiega il-kwerela tal-parti leza.

Illi s-subartikolu (3) tal-Artikolu 203 tal-Kodici Kriminali fit-tieni proviso tieghu jipprovdi li, hlief jekk (a) id-delitt ta' korruzzjoni ta' minorenni jkun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku, jew (b) jekk l-eghmil zieni jsir b'abbuz tas-setgha ta' genitur jew

ta' tutur, il-kwerela tal-parti offiza hija mehtiega sabiex jibda l-procediment kontra l-persuna allegatament responsabbli li wettqet dik il-korruzzjoni. Fil-kaz odjern ma hemmx dubju li l-allegat eghmil zieni sar b'abbuz tas-setgha ta' genitur u jsegwi ghalhekk li l-kwerela tal-parti leza ma kinitx mehtiega sabiex jinbdew u jitkomplew dawn il-proceduri u li ghalhekk ir-rinunzja ghall-azzjoni kriminali da parti tal-vittmi tista' biss tittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' piena izda mhux sabiex jitwaqfu dawn il-proceduri. Illi f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri per Imhallef Joseph Galea Debono) f'sentenza tas-27 ta' April 2006 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Stephen Bonsfield' u cioe':- "Meta l-azzjoni kriminali tkun tista' tingieb mill-pulizija ex ufficio, kull irtirar tal-kwerela fi kwalsiasi stadju tal-proceduri jista' jittiehed in konsiderazzjoni ghall-fini tal-piena imma mhux b'mod li jista b'xi mod ghat-tkomplija tal-proceduri'.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri mix-xhieda taz-zewg vittmi kif ukoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li kien hemm agir zieni da parti tal-imputat li wassal ghall-korruzzjoni taz-zewg uliedu li kienu minuri meta huwa f'diversi okkazzjonijiet l-ewwel ghallimhom kif issir il-masturbazzjoni u mbaghad kien igeghlhom jaghmlu dan l-att ta' masturbazzjoni fuqu. L-imputat stess fl-istqarrija tieghu jghid li huwa ghamel dawn l-affarijiet sabiex jghallem lill-uliedu l-fatti tal-hajja u spjega li huwa kellu jurihom kif isiru dawn l-affarijiet qabel imbaghad huma komplewhom fuqu. L-istess Omissis tghid li hija ma kinitx taf kif kellha

taghmel u missierha kien poggilha idejha fuq il-parti genital tieghu u wriha x'kien qed jesigi minnha. Hija fil-fatt qalet hekk:-

" L-ewwel darba kont ghadni bejn form 2 u form 3 jigifieri kelli 12 jew 13…. Lill- mummy kont ghidtilha minhabba live in u qaltli le ghax kienet gholja… filghaxija inzilt isfel fejn id-daddy u ghidtlu jekk nistax immur u hekk qalli all right, qalli l-importanti li taghmilli pjacir. U jien ma kontx naf, ghidtlu bhal xiex ? U qalli biex ingerrijulu. U jien ta' dik l-eta ma kontx naf x' jigifieri u ghidtlu kif naghmilhom dawn l-affarijiet u hekk ? u l-ewwel pruvaha fuqu u qalli hekk trid taghmilha. Imbaghad ghamilli idejja u komplejt jiena jigifieri."

Illi dwar l-elementi li jikkonstitwixxu ir-reat in dizamina u cioe dak ta' korruzzjoni ta' minorenni, il-Proffesur Mamo fin-Noti tieghu Notes on Criminal Law jelenka tlett elementi ta' dan ir-reat u cioe :

1. L-eta tal-vittma li ghandha tkun inqas minn tmintax-il sena.
2. L-element materjali tar-reat u cioe l-atti impudici maghmula jew il-vittma jew fil-prezenza tal-vittma.
3. Il-korruzzjoni tal-minorenni

Huwa jghid li :

" For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed, does not rule the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, is reason for aggravating

the crime… in other words if acts in question are lewd acts, that is apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by these acts, for example because he or she was to some degree already depraved – whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was or effective defilement."

Illi in kwantu jirrigwarda dan ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) fis-sentenza moghtija fit-8 ta' Jannar, 1996 fil-kawza fl-ismijiet 'Police vs Thomas Wiffen' dwar l-elementi tal-istess reat u cioe':

> *"For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts":*
>
> *"Atti di libidine ... debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo complete della libidine .... Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale*

*lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali" (Vol. VIII, parte 3, p.967).*

*And on the question of the repetition of the same acts, the said writer had this to say:*

*"Si e fatta poi questione se gli atti di libidine, per ritenersi idonei, dovvessero essere ripetuti; ma se, in alcuni casi, quando si tratti di atti per se' stessi di poca entita', la reiterazione puo' conferir loro quella efficacia corrutrice, che, isolatamente, non avrebbero, non per questo essa puo' considerarsi come condizione di incriminabilita' del fatto, quando si tratti di atti, i quail, anche compiuti una sola volta, hanno in se evidente l' efficacia corrutrice, e questo appunto ha ritenuto la giurisprudenza cosi' sotto l' impero del codice abrogate come sotto quello del codice vigente" (op. cit., p.968)*

*As we stated more recently by the Court of Cassation in its judgment of the 14 February, 1961:*

*"Per costituire atto di libidine, l' atto deve essere tale da procurare una sensazione erotica anche solo eccitando appetiti sessuali" (quoted in Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Taliano, Nuvolone, P. and Pisapia, G.D. ed., UTET (1984), Vol. VII, para. 2550, p. 359, n. 5)*

*Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le cirostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case*

*under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."*

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law:*

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime" (p. 226).*

*And Francesco Carfora observes:*

*".... non bisogna intendere la corruzione fisica nel senso ristretto di manifestazione di corruzione morale mediante atti volontari esteriori compiuti dallo stesso minorenni, ma nel senso di*

> *contaminazione fisica, anche mediante i soli atti dell' agente, inquantoche' agli effetti dell'art. 335 si ha la figura delittuosa della corruzione di minorenni quando questo abbia solo subito sulla propria persona atti contrari al pudore capaci di corrempere, anche se da parte sua non abbia corrisposto con altri atti, che costituiscono prova di un' effettiva corruzione, perche', come gia' abbiamo altrove notato il legislatore intende a colpire i germi della corruzione gittati dagli atti delituosi compiuti dall' agente, non in quanto sieno immediatamente svilupparsi, e questo ritenne anche la patria giurisprudenza" (op. cit., p. 966)*
>
> *In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts -- for example, because he or she was, to some degree, already depraved -- whoever has to judge the facts may reasonable conclude that there was actual or effective defilement."*

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti jidrilha li jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jitqies li jissussisti r-reat ta' korruzzjoni ta' minuri kontemplat fl-Artikolu 203(1)(c) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk l-imputat ser jinstab hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti jidrilha li anki t-tieni mputazzjoni, u cioe' dik ta' partecipazzjoni f'attivita' sesswali ma minuri tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi. Ghalkemm l-Artikolu 204C tal-Kodici ma jaghtix definizzjoni dwar f'hiex tikkonsisti attivita' sesswali , m'ghandux ikun hemm dubju li atti ta' masturbazzjoni fuq persuna ohra jikkostitwixxi partecipazzjoni f'attivita' sesswali ghaliex jinvolvu l-uzu tal-organu sesswali tal-persuni nvoluti.

Illi l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati anki tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni i-rinunzja da parti tal-vittmi u x-xewqa taghhom li l-familja tibqa’ unita izda hadet ukoll in konsiderazzjoni l-gravita’ tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati u tal-fatt li huwa ghandu wild ohra minuri li jinhtieg li tigi protetta u jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva izda mhux fil-massimu. Il-Qorti ser tqies it-tieni mputazzjoni bhala kompriza u nvoluta fl-ewwel imputazzjoni. Inoltre l-Qorti ser tapplika l-pieni in vigore meta sehhew ir-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati u mhux il-pieni applikabbli llum il-gurnata ghall-istess reati, u cioe’ wara li kien hem zieda fil-pieni wara li dahal fis-sehh l-Att XIII tal-2018, u dan peress li hija obbligata tapplika l-pieni l-aktar favorevoli ghall-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tal-20 ta’ Settembru 2017 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 203(1)(c), 203(1), 204C(1), 204C(2)(b), 208AC1(d) u (e) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah erba’ (4) snin prigunerija.

B’ applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni ghall-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum fejn il-

persuni protetti huma Omissis u Omissis u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Illi sabiex tigi protetta l-identita' tal-vittmi l-Qorti tordna d-divjiet ta' isem l-istess vittmi u isem l-imputat kif ukoll dettalji li permezz taghhom huma jistghu jigu identifikati fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Il-Qorti inoltre a tenur ta' dak li jiddisponi l-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li isem l-imputat jitpogga fuq ir-Registru mwaqqaf permezz tal-imsemmi Att u ghal dan il-ghan qed tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qorti sabiex issir tali annotazzjoni.

**Magistrat**

Alexia Attard

Deputat Registratur

---

[i] Inserita a fol. 3 et sequitur tal-atti processwali.